# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 9 TA' JANNAR 2020.**

**Rikors Ġuramentat Nru. 603/15GM**

**Eros Trading Limited (C7604)**

**Vs**

**Direttur Ġenerali Dwana**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors Ġuramentat** tas-soċjeta` attriċi ppreżentat fid-19 ta' Ġunju 2015 li permezz tiegħu wara li ppremettiet illi:

1. Hija timporta diversi oġġetti bħal ħwejjeġ, żraben u anke roti lejn Malta, u dan f'ammonti sostanzjali, minn pajjiżi bħaċ-Ċina, u dan sabiex l-istess ikunu jistgħu jiġu esportati lejn pajjiżi oħra fl-Ewropa stess.

2. Id-Dipartiment tad-Dwana, u dan skond is-setgħat mogħtija lilu skond il-liġi, hekk kif l-istess merkanzija tasal Malta, jrid jiddetermina jekk il-valur

ta’ flus dovuti bħala Dazju ta’ Importazzjoni, jaqbilx mal-ammont iddikjarat minnha.

3. Sabiex dan l-eżerċizzju jkun jista’ jsir, id-Dipartiment jkun irid jagħmel *checking* dettaljat tal-oġġetti importati, u dan sabiex jiddetermina l-valur tal-oġġetti in kwistjoni, kif wkoll ikun jista’ jikkonferma illi l-ammont ta’ oġġetti dikjarat effettivament jikkorrispondi man-numru ta’ oġġetti mportati.

4. Dan l-eżerċizzju qed jieħu hin irraġonevoli, sa anki ġimgħat u qed isarraf fi spejjeż eżorbitanti, kif ukoll insostenibbli għaliha, konsistenti fi *storage u demerrage fees*.

5. In oltre l-konvenut qiegħed ukoll kull darba, wara li jsir tali eżerċizzju, jikkontesta d-dikjarazzjoni tal-valur ta’ l-oġġetti importati magħmulha minnha, permezz ta’ *Post Entry Claim*.

6. Għalhekk tiġi wara mitluba tħallas id-differenza.

7. Il-konvenut qed jonqos, u dan bl-aktar mod arbitrarju, milli jinforma lis-soċjeta’ attriċi, bil-mod u ċioe` bil-*workings* ta’ kif qed jasal għal kalkoli ta’ tali valutazzjonijiet li tkun differenti minn dik dikjarata minnhom.

8. Il-konvenut qed jirrfjuta wkoll li jindika lill-attriċi x’qed jieħu in konsiderazzjoni sabiex jiddetermina l-valur ta’ l-oġġetti importati.

9. Sabiex jiddetermina l-valur ta’ l-oġġetti in kwistjoni, il-konvenut qed jonqos milli jsegwi d-dettami tal-liġi viġenti, liema disposizzjonijiet jistabilixxu l-uniċi modi kif huwa jista’ jasal għal tali valutazzjoni.

10. Dan minkejja l-fatt illi l-attriċi ilha tagħmel diversi kuntatti mal-konvenut, sabiex tingħata l-informazzjoni neċessarja u indispensabbli għaliha.

11. Din is-sitwazzjoni hija waħda nġusta.

12. Konsegwenza ta' dak appena suespost, l-attriċi spiċċat f'sitwazzjoni fejn timporta l-oġġetti mingħajr ma tkun taf minn qabel x'se jkun dak dovut minnha lid-Dipartiment tad-Dwana.

13. Konsegwentement ma tistax tagħmel il-kalkoli tagħha minn qabel sabiex tiddetermina minn qabel il-prezz li għandu jinbiegħ fis-suq ħieles tali oġġett, u finalment jekk tali importazzjoni hux se tkun viabbli ekonomikament jew le.

14. Dan qed jingħad ukoll in vista tal-fatt illi l-konvenut qed joħroġ b'valutazzjonijiet ferm differenti minn darba għal oħra, u dan f'terminu qasir ta' żmien għall-istess oġġetti.

15. Huwa ferm diffiċli għal-attriċi illi tikkontesta l-ammont ta' Dazju pretiż minn l-konvenut, meta l-anqas biss tinsab infurmata bil-mod kif id-Dipartiment qed jasal biex jiffissa tali ammont.

16. Meta tikkontesta l-ammont mitlub bħala Dazju, kif inhu d-dritt tagħha li tagħmel skont il-liġi, xorta qed jiġu mġiegħa taffettwa pagamenti sostanzjali tal-ammont pretiż minn l-istess Dipartiment, bħala depożitu u dan sabiex ikun jista' jibda l-proċess ta' rilaxx ta' l-istess oġġetti.

17. Minħabba fil-premess l-attriċi bagħtet numru ta' ittri biex tikkontesta l-ammont ta' dazju pretiż minn l-konvenut permezz tal-*post entry*.

18. Għal dawn l-oġġezzjonijiet għadha ma rċeviet l-ebda risposta.

19. Minħabba fil-premess intavolat ukoll protest ġudizzjarju fejn interpellat lill-konvenut sabiex jirrimedja din is-sitwazzjoni iżda baqa' inadempjenti.

20. Għalhekk id-deċizjonijiet imsemmija huma totalment irraġjonevoli u *ultra vires* a tenur tal-artikolu 469A(1)(b) tal-kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ser jirriżulta waqt is-smiegħ u t-trattazzjoni ta' din il-kawża.

21. L-aġir tal-konvenut irrekalha u qed jirrekalha danni rreparabbli.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi d-deċizjonijiet kollha tal-konvenut fejn m'aċċettax il-valutazzjonijiet dikjarati mir-attriċi, u kif wkoll il-fatt illi l-konvenut ma tax deċiżjoni fuq l-oġġezzjonijiet tar-rikorrent nonostante li ġie nterpellat f'dan is-sens permezz ta' protest ġudizzjarju, huma deċiżjonijiet irraġonevoli u *ultra vires* li jiksru d-dispost tal-artikoli 469A(1)(b) tal-kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara illi konsegwentement l-konvenut ikkawżalha danni.

3. Tillikwida d-danni hekk sofferti.

4. Tikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjeż u l-imgħax;

Rat ir-**Risposta Ġuramentata** tad-Direttur Generali (Dwana) ippreżentata fit-12 t'Awwissu 2015 li permezz tagħha eċċepixxa illi:-

1. Din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tisma' u tiddetermina l-azzjoni odjerna u għalhekk għandha tiddeklina milli tkompli tisma' l-azzjoni odjerna stante li l-imsemmija *post entries* kellhom jiġu kontestati quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u dan *ai termini* tal-Artikolu 9 tal-Kap 337 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk, isegwi li l-Artikolu 469A tal-Kap 12 ma japplikax għall-każ odjern peress li l-Kap 337 huwa liġi speċjali li hu applikabbli għaċ-ċirkostanzi odjerni.

2. Jopponi t-talbiet bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-uffiċjali tad-Dwana li kienu involuti fl-ispezzjonijiet tal-merkanzija importata fi kwantitajiet kbar u frekwenti tul perijodi sostanzjali, minn pajjiżi barra mill-Unjoni Ewropeja, dejjem svolġew l-inkarigu tagħhom skont il-liġi u dejjem aġixxew fil-parametri tal-liġi.

3. Kuntrarju ta' dak li qed jiġi allegat fit-tieni premessa tar-Rikors in risposta, effettivament huwa l-obbligu tal-kumpanija attriċi li tipprovdi l-fatturi bil-valuri relattivi għall-importazzjonijiet kollha li fihom għandu ikun hemm il-valur ċar tal-merkanzija li qed tiġi importata. Għandu jingħad li sussegwentament biss, jista' jiskatta l-proċess ta' verifikazzjoni *da parte* tad-Dwana fir-rigward tal-valur reali fis-suq lokali u Ewropej tal-oġġetti in kwistjoni, u konsegwentament id-dazju t'importazzjoni dovut, kif ikkalkulat fuq il-valur reali a bazi tat-Tielet Skeda tal-Kap 337. Inoltre, f'kaz bħal dak odjern fejn il-merkanzija tkun qed tiġi

importata minn pajjiz barra tal-Unjoni Ewropea, id-Dwana trid tagħmel l-eserċizzju kompless biex ikun determinat permezz ta' eżami fiżiku tal-oġġetti mportati kif imqabblin mad-dikjarazzjonijiet tal-kumpannija attriċi; liema dikjarazzjonijiet tal-valuri jridu ikunu jirriflettu l-valur ta' merkanzija reali u simili eżistenti fis-swieq Ewropej. Għandu jingħad ukoll, li jekk dan l-eserċizzju laborjuż ma jsirx, ikun ifisser li jista' jagħti l-kaz li xi kumpanniji importatriċi jintroduċu fis-swieq lokali u anke dawk Ewropej, prodotti li fuqhom ma jkunx tħallas l-ammont ġust ta' dazju t'importazzjoni u dan a skapitu ta' kummerċjanti oħra u tal-erarju pubbliku.

4. Wara dawn l-eserċizzji komplessi ta' verifikazzjoni, fil-fatt sab diversi mportazzjonijiet tal-kumpannija attriċi li kellhom diskrepanzi sostanzjali fil-valur kif dikjarat tal-merkanziji kif importati, bil-konsegwenza li ma tħallasx id-dazju t'importazzjoni ġust flimkien mat-taxxa fuq il-valur miżjud relattiv fuqu għall-merkanziji in kwistjoni u għalhekk l-esponent ħareġ diversi *post entries* li jidher li l-kumpannija attriċi qed tittenta tattakka permezz tal-azzjoni odjerna.

5. Kuntrarju ta' dak li qed jiġi allegat fir-Rikors li l-esponent wasal b'mod arbitrarju għall-ammonti ndikati fl-imsemmija *post entries*, dawn inħadmu a bażi tat-Tielet Skeda tal-Kap 337, *del resto* kif stipulat fl-Artikolu 8 tal-istess Kap 337.

6. Il-valur tal-merkanzija jagħmel impatt dirett fuq l-ammont ta' dazju t'importazzjoni li jiskatta u li jsir dovut f'persentaġġ ta' 25% lill-awtorita` doganali lokali, kif ukoll 75% lill-Unjoni Ewropea, u dan kif stabbilit fir-Regolament tal-Unjoni Ewropeja (KEE 2913/92).

7. Għalhekk mhux minnu li l-uffiċjali tad-Dwana inkarigati u/jew l-esponent aġixxa b'xi mod irraġjonevoli u *ultra vires* tal-poteri tiegħu u/jew li l-esponent ikkawża xi tip ta' danni lill-kumpannija attriċi u għalhekk l-ebda danni m'huma dovuti lill-kumpannija attriċi;

Rat is-sentenza tagħha, kif diversament ippreseduta, tat-22 ta' Ġunju 2016[1] li permezz tagħha ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni;

Semgħet ix-xhieda u rat id-dokumenti esibiti fl-atti;

Rat li l-attriċi naqset li tippreżenta nota ta' sottomissjonijiet filwaqt li minkejja dan il-konvenut ippreżenta nota ta' sottomissjonijiet li kellha tkun waħda responsiva;

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi **l-fatti** li taw lok għal din il-kawża huma dawn:

1. L-attriċi ilha snin timporta merkanzija, prinċipalment żraben u ħwejjeġ, miċ-Ċina li mbagħad tbiegħ lokalment kif u ukoll tesporta lejn pajjiżi oħra fl-Unjoni Ewropeja. X'ħin tasal Malta fil-kontejners, l-attriċi tiddikjara, fil-*customs data,* il-prodotti mpurtati abbażi tal-ġeneru, valur, piż u kwantita. Id-Dwana teżamina d-dokumenti kollha dwar il-prodotti mpurtati u jew tawtorizzaha tieħu l-kontejner inkella tieħu l-prodotti fl-*examination shed* biex teżaminahom. Sat-13 ta' Frar 2015 kienet tiċċekkja medja ta' wieħed minn kull għaxar contejners. Kienet tħallas id-dazju u VAT dakinhar stess. Meta jinżamm kontejner, l-għada stess kienet tiġi ċċekkjata l-merkanzija minn fizzjali doganali u d-dokumenti mill-Head of Section f'Ħal Far. Anke l-kontejner li jiġi ċċekkjat kien jinstab tajjeb.

[1] Fol 28

2. Wara t-13 ta' Frar 2015 bdew jiġu ċċekkjati l-kontejners kollha; apparti l-fizzjali u l-Head of Section tqabbdu *extra enforcement officers* biex jiċċekkjawhom. Skont Joseph Hammet, direttur tal-attriċi, xogħol dawn tal-aħħar kien biex jgħassu lill-istess fizzjali doganali. Billi dawn l- *extra enforcement officers* jaħdmu bix-xift, kienu jibdew jiċċekkjaw il-merkanzija fil-9 a.m. minflok 8 a.m. Il-fizzjali ġew imġiegħla jieħdu kampjuni ta' kull stil ta' prodott u dan il-proċess kien jieħu iktar żmien. Kull kontejner li jiġi ċċekkjat ikun hemm spejjeż extra ta' bejn €50 u €70 fuqu. Bdew idumu ġimgħat jiċċekkjaw il-kontejners. Id-dwana bdiet titlob *deposit pending valuation* biex tiġi rilaxxjata l-merkanzija qabel ma ssir il-valutazzjoni tagħha mid-Dwana, li tipikament kienu jkunu ta' €7,000 kull kontejner li kellu ż-żraben u €14,000 kull kontejner li kellu l-ħwejjeġ. Dan apparti d-depożitu ta' dazju u VAT li l-attriċi tkun diġa ħallset mad-dikjarazzjoni *online* inizzjali tagħha. Skont Hammet ma kien hemm l-ebda konsistenza kif issir l-evaluwazzjoni. Prodotti simili kien qed ikollhom valutazzjoni sostanzjalment differenti. Skontu, l-istejjem kienu qegħdin joħorġu addoċċ u mhux skont il-liġi tad-Dwana. Talab li jingħata spjegazzjoni dwar kif kienu qegħdin joħorġu l-istejjem iżda qatt ma ngħata spegazzjoni.
3. Bejn Frar u Marzu 2015 importa madwar 100 kontejner u sa 9 xhur wara inħarġet valutazzjoni definittiva ta' 30 kontejner (Dok A mal-affidavit a fol 43). F'Novembru 2019, mill-kontejners li kien importa sa dakinhar, kien fadal madwar 80 kontejner li kien fadal il-valutazzjoni tagħhom u li dwarhom ġiet iddepożitata s-somma komplessiva ta' €651,000). B'konsegwenza ta' dan, kien ibiegħ il-prodotti, li huma staġjonali u allura jridu jinbiegħu minnufih, bla ma l-attriċi taf hux se jagħmel qliegħ jew telf. Skont Hammet, il-valutazzjonijiet ġew konklużi fis-sena 2016 wara li reġa' ħallas iktar b'żieda ma dak li kien diġa' ħallas lid-dwana.

4. B'konsegwenza tad-dewmien l-attriċi kellha tħallas storage u demurrage fees għall-kontejners u tilfet il-kredibilita mal-klijenti tagħha.
5. Il-Kummissjoni Ewropeja, permezz tal-aġenzija OLAF, nidiet operazzjoni, imsejjħa *JCO SNAKE* dwar prodotti ta' tessuti u żraben importati f'diversi pajjiżi tal-UE miċ-Ċina. F'laqgħa li saret fil-25-26 ta' Frar 2015, bejn l-OLAF u l-Istati Membri suspettati, ġiet diskussa strateġija komuni għall-investigazzjonijiet. "Member States were amongst other strongly recommended to implement appropriate risk filters to identify potentially fraudulent consignments and carry out investigations in order to establish the real customs values"[2].

Ikkunsidrat:-

Illi din l-investigazzjoni kienet ibbażata fuq *threshold* komuni għall-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropeja, inkluża, s'intendi, Malta[3]. *Threshold* maħduma b'mod ferm konservattiv, b'metodu strettament xjentifiku, skont is-segwenti kriterji spjegati minn **Jurgen Murke**, Head of Sector of the Revenue Analysis tal-OLAF, li xehed *viva voce* quddiem din il-Qorti[4]:

Illi Jurgen Marke spjega kif l-analiżi tal-Aġenzija OLAF waslet sabiex tistabillixxi *"a cleaned average price"* u *"a lowest acceptable price*" għal diversi prodotti ta' tessuti u żraben, kif fil-fatt kienet timporta fil-maġġor parti l-kumpanija attriċi. Illi l-*cleaned average price* kiem maħdum għal kull prodott ta' tessut u żarbun importati miċ-Ċina li huma kklassifikati taħt il-kapitolu 61-64 tas-CN. Illi l-merkanzija li timporta s-soċjeta' attriċi tikklassifika taħt dawn il-kapitoli. Il-*cleaned average prices* huma kkalkulati abbażi ta statistika tal-*COMEXT database* fuq perjodu ta' tmienja u erbgħin xahar li tagħti valur *per* kilogramm lil kull *CN product code,* skont il-*country of origin u country of destination* fl-UE. Minħabba li l-prezz tat-tessuti u ż-żraben ma jvarjax wisq fuq

[2] Fol 612
[3] Xhieda ta' Mario Abela a fol 81-85
[4] Fol 839. Ara wkoll il-metodoloġija teknika u ddettaljata f'dok MG-9 anness mal-affidavit ta' Mario Galea a fol 612

mhedda ta' żmien, il-metidoloġija tal-*cleaned average price* tista tintuża għal bosta snin għall-analiżi. Sabiex dawn il-valuri jkunu applikati fil-prattika, ittieħed *average* tat-28 *cleaned average prices* abbażi ta' mezzi aritmetiċi. B'dan il-mod, l-istati Membri kollha huma komputati b'importanza indaqs. Illi fil-kalkolazzjoni tal-*cleaned average price,* valuri li huma wisq għoljin jew wisq baxxi, u ċioe' dawk l-imsejħa *outliers,* ġew esklużi mill-komputazzjoni – din hija ir-raġuni il-għala jissejjaħ "*cleaned";*

Illi sabiex dawn il-prezzijiet ikunu magħmula applikabbli għall-fini ta' analiżi ta' riskju, u sabiex fl-analiżi ikun użat approċċ konservattiv, jiġi biss ikkalkulat il-50% *tal-cleaned average price.* Dan il-valur huwa b'hekk imsejjaħ il-*lowest acceptable price.* Illi għalhekk, il-*lowest acceptable price* hija għodda prekawzjonali u ta' min joqgħod fuqha sabiex tqajjem dubbju fuq dikjarazzjonijiet b'valur baxx ħafna fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' tessuti u żraben. Din l-għodda hija disponibbli lil-pajjiżi disponibbli lill-pajjiżi terzi kollha minn fejn l-Unjoni Ewropeja timporta dawn it-tip ta' merkanzija u b'hekk id-Dwana Ċiniża tkun taf jekk merkanzija tkun dikjarata b'mod sottovalutat. Dan il-metodu huwa prudenti u konservattiv, għaliex importazzjonijiet taħt il-*lowest acceptable price* huma kkunsidrati bħala sottovalutati. Illi din l-għodda tippermetti lill-awtoritajiet tad-Dwana fl-Istati Membri sabiex jiddentifikaw importazzjonijiet dubbjużi u jieħdu l-azzjoni u s-salvagwardji neċessarji sabiex jissalvagwardja l-errarju tal-Unjoni Ewropeja;

Illi fir-rigward tas-soċjeta' attriċi, d-Dwana Maltija marret anke pass oltre minn hekk. Kif juri *email* indirizzat lil *Mario Galea,* ippreżentat minn *Mario Abela* fix-xhieda tiegħu tad-9 t'April 2019 a fol 860 immarkat bħala Dok MA3, juri li id-Dipartiment għolla b'10% il-*lowest acceptable price* minn kif kien suġġerit mill-Aġenzija OLAF sabiex jittieħed in kunsiderazzjoni id-dikjarazzjoni tas-soċjeta' attriċi li meta wieħed jixtri *in bulk* il-prezz awtomatikament se jkun orħos. Illi l-metidoloġija tal-Aġenzija OLAF kienet tieħu in konsiderazzjoni l-*buk buying*,

pero id-Dwana Maltija riedet xorta waħda tagħti l-benefiċċju tad-dubbju u b'hekk għamlet konċessjoni ta' 10% fuq il-prezz minimu aċċettabbli, iżda xorta waħda kellha dubbju raġjonevoli li l-valuri ddikjarati kienu sottovalutati;

L-OLAF infurmat lil-Dwana ta' Malta li kienu ntilfu €21.59 miljun f'telf ta' dazju t'importazzjoni f'Malta, li 75% minnu kien dovut lill-Unjoni Ewropeja. Saru diversi laqgħat mal-amministrazzjoni tad-Dwana u sar eżerċizzju fuq is-sistemi ta' monitoraġġ elettroniku. In segwitu ta' dan l-eżerċizzju irriżultaw id-diskrepanzi elenkati f'Dok MG5-MG7[5];

L-OLAF allertjat lill-pajjiżi membri li kienet sejra tidħol merkanzija miċ-Ċina b'valur sottovalutat; id-Dwana ta' Malta ħejjiet kriterji skont it-*threshold* tal-OLAF u meta waslet il-merkanzija importata mis-soċjeta attriċi bdew jiċċekkjawha b'mod minuzzjuż iktar mis-soltu dejjem skont l-imsemmija kriterji u rriżultalha li ma ssodisfatx dawn il-kriterji;

L-OLAF ikkuntattjat lid-Dwana Ċiniża u din infurmat lill-OLAF bil-valur tal-merkanzija ta' ġewġ kontejners partikolari importati mill-attriċi. Ma bagħtitx informazzjoni dwar kontejners oħrajn għalkemm mitluba tagħmel dan.

Skont James Creed, *Head of Sector* (*sic)* OLAF[6]:

*"The first is container number SNKU4799415 that concerns an importation of footwear. The value declared acceeding to that we were given by Malta Customs is US. $8704.42. The Chinese replied that the value declared to them was US. $115,320 there is obviously a considerable difference here I think...On the second case which is container QNU3EO33071 the value declared to Malta Customs*

[5] Fol 905
[6] Fol 809

*was US $8506. The value declared in China was US $81,640 – again a very considerable difference in declared value"*;

Ikkunsidrat:

Illi għalhekk l-allegazzjoni tas-soċjeta` attriċi li l-valutazzjonijiet *de quo* saru b'mod arbitrarju mid-Dwana ta' Malta ma tirriżultax;

Illi skont l-Artikoli 28-36 tal-EU Customs Code, u b'mod iktar speċifiku skont Artiklu 181a tar-Regolament tal-Kummissjoni Numru 2454/93, trasposti fit-Tielet Skeda tal-Kapitlu 337 tal-Liġijiet ta' Malta:

"L-awtoritajiet doganali m'għandhomx għalfejn jistabilixxu l-valutazzjoni doganali tal-mekanzija importata fuq il-bażi tal-metodu tal-valur tat-transazzjoni jekk, skond il-proċedura stabbilita fi-paragrafu 2, dawn ma jkunux sodisfatti, fuq il-bażi ta' dubji raġonevoli, li l-valur dikjarat jirrappreżenta l-ammont totali mħallas jew dovut kif imsemmi fl-Artikolu 29 tal-Kodiċi."

Illi l-Qorti tal-Ġustizzja Ewropeja, fuq riferenza preliminari lilha magħmula minn Qorti Ungeriża fil-każ **EURO 2004 Hungary Kft. v Nemzeti Ado-es Vamhivatal Nyugat-dunantuli Regionalis Vam-es Penzugyori Foigazgatosaga (Case C-291/15)** deċiż 16.06.2016, iddikjarat (para 31) li "*customs authorities need not necessarily determine the customs valutation of imported goods on the basis of the transaction value method if they are not satified, on the basis of reasonable doubts, that the declared value represents the total amount paid or payable*";

"Meta l-awtoritajiet doganali jkollhom id-dubji kif deskritt fil-paragrafu 1 dawn jistgħu jitolbu għall-informazzjoni addizzjonali skond l-Artikolu 178(4). Jekk dawn id-dubji jippersistu, l-awtoritajiet doganali għandhom, qabel jieħdu

deċizjoni finali, jinnotifikaw lill-persuna interessata, bil-miktub jew mitlub, dwar ir-raġunijiet għal dawk id-dubbji u jipprovduh bl-opportunita' raġonevoli biex jirrispondi. Deċizjoni finali u l-motivi għaliha għandhom ikunu kkomunikati bil-miktub lill-persuna interessata".

Illi d-dubbju raġjonevoli f'dan il-każ kien imqanqal minn senjalazzjoni tal-Aġenżija OLAF stess li indikat lill-kumpanija attriċi bħala waħda mill-kumpaniji li qegħdin jiddikjaraw il-merkanzija tagħhom bi prezz ħafna aktar baxx minn dak li huwa magħruf bħala il-prezz ġust stabbilit mill-Aġenzija OLAF;

Illi uffiċċjali tad-Dwana żammew diversi laqgħat ma' diriġenti tas-soċjeta attriċi u dawn ingħataw l-opportunita li jispjegaw ir-raġuni tal-prezzijiet baxxi. Fil-fatt spjegaw li dan kien dovut għal *bulk buying.* Min-naħa l-oħra, is-soċjeta attriċi ma ngħatatx deċiżjoni mmotivata bil-miktub skont kif stipulat fl-Artiklu 181a suċċitat. Il-konvenut, isostni, fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu[7], illi naqas li jagħmel dan billi kien ipprojbit mill-OLAF li jikxef l-indikaturi li fuqhom kien qiegħed jibbaża l-valutazzjonijiet tiegħu, billi dan kien jippreġudika l-investigazzjoni tal-OLAF. Ħabi li huwa awtorizzat mill-Artiklu 10 tat-Tielet Skeda tal-istess Kap 337 li jaqra hekk:

"All information which is by nature confidential or which is provided on a confidential basis for the purposes of customs valuation shall be treated as strictly confidential by the authorities concerned who shall not disclose it without the specific permission of the person or government providing such information, except to the extent that it may be required to be disclosed in the context of judicial proceedings";

Illi l-preċitat Artiklu 10 jidher li huwa prinċipalment immirat biex ikopri bil-kunfidenzjalita informazzjoni mogħtija lill-OLAF jew lill-awtoritajiet doganali huma u jiġbru l-informazzjoni mingħand persuni jew gvernijiet biex ikunu

[7] Ara fol 914

f'qagħda li jagħmlu valutazzjoni tal-prodott. Jista' jkun li jiġi interpretat ukoll biex ikopri wkoll bil-kunfidenzjalita tal-metodoloġija li biha l-awtorita' investigattiva tkun waslet biex tiffissa l-prezz minimu aċċettabbli. Imma l-Qorti ssibha kemmxejn diffiċli biex taċċetta li l-prezz innifsu, ġaladarba ffissat, jibqa' sigriet ukoll. Wara kollox, id-dwana u l-VAT jinħadmu fuq dan il-valur. Li ġara f'dan il-każ kien li l-prezzijiet definittivi damu ma nħarġu għal xhur sħaħ, uħud mminhom jekk mhux kollha saħansitra wara li nfetħet din il-kawża. Dan mhux aċċettabbli, u l-konvenut ma wera l-ebda raġuni għad-dewmien. Kuntrarjament għall-iċċekkjar fiżiku tal-merkanzija, il-Qorti tifhem li dan kien prinċipalment eżerċizzju matematiku, li llum il-ġurnata, bit-teknoloġija avvanzata li hawn, qajla għandu jieħu tul taż-żmien. Fi kwalunkwe każ il-konvenut ma ġieb l-ebda ġustifikazzjoni għal dan id-dewmien. Ċertament li dan poġġa lis-soċjeta attriċi fi stat ta' inċertezza billi ġiet kostretta tbiegħ il-merkanzija filwaqt li ma kinitx taf kemm kienet sejra tiswielha; fi kliem ieħor lanqas biss kienet taf hix sejra taqla' jew titlef mill-prezzijiet li tkun tat lix-xerrejja tagħha. Id-Dwana tabilħaqq qiegħdha stabbilita sabiex tgħasses lill-erarju; iżda m'għandha qatt tagħmel dan a skapitu tal-klijenti tagħha, f'dan il-każ is-soċjeta attriċi. F'dan ir-rigward, id-Dwana m'aġixxietx b'mod raġonevoli;

Illi l-Qorti, min-naħa l-oħra, ma ssibx li d-dewmien mhux tas-soltu da parti tad-Dwana biex tiċċekkja l-merkanzija huwa t-tort tagħha. James Creed stqarr li ma hemmx *time-limits* stabbiliti jew rakkomandati li fihom għandu jsir l-iċċekkjar. William Grech, Direttur tad-Dwana, xehed li dak li kien jinteressah kien li l-iċċekkjar isir sew; id-dewmien mhux affari tiegħu. Il-Qorti ma taqbilx ma' William Grech li d-dewmien mhux affari tad-Dwana. U l-fatt li l-OLAf ma timponix terminu lanqas għandu jfisser li l-merkanzija tintefa fil-limbu. Huwa għal raġuni oħra li din il-Qorti ma ssibx ħtija fil-konvenut f'dan ir-rigward: Li kieku ma rriżultax, sa minn qabel ma waslet il-merkanzija, li kien hemm indikazzjonijiet ċari li kienet grossolanament sottovalutata mis-soċjeta attriċi, ma

kienx ikun hemm il-ħtieġa li d-dwana toqgħod tifli volum kbir ta' merkanzija, intiż ukoll biex jiġi ri-esportat lejn swieq ta' pajjiżi oħra ferm ikbar mis-suq lokali, bil-lenti, jekk mhux ukoll bil-mikroskopju. Ir-riżorsi tal-addetti tad-Dwana intefgħu fi stat ta' kriżi minħabba l-aġir tal-istess attriċi. Għal dan, *imputet sibi*;

Illi t-talba għall-istħarriġ ġudizzjarju hija bbażata b'mod ġeneriku fuq id-disposizzjonijiet tal-Art. 469A(1)(b) tal-kodiċi tal-proċedura li jagħti erba' raġunijiet li fuqhom egħmil amministrattiv jista' jiġi ddikjarat *ultra vires*:

**(i) meta dak l-egħmil jitwettaq minn awtorità pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu**

Is-soċjeta` attriċi ma ġabet l-ebda prova jew argument in sostenn ta' din ir-raġuni, la fir-Rikors Ġuramentat, la waqt is-smiegħ tal-kawża, u lanqas waqt it-trattazzjoni bil-fomm.

**(ii) jew meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil.**

Ma ġiex allegat li l-konvenut ma mexiex b'mod diskriminatorju jew *biased.* Lanqas ma naqas milli jisma' l-verżjoni tas-soċjeta attriċi. B'danakollu huwa ppekka għal ksur tal-ġustizzja naturali, hekk kif mifhuma b'mod iktar wiesa illum mill-aħjar ġurisprudenza tagħna, meta ma tax lil-attriċi l-istejjem definittivi fi żmien qasir kompatibbli mal-esiġenzi tan-negozju. Anke mingħajr ma jikxef il-*workings* ta' kif inħadem il-prezz ġust, fil-fehma tal-Qorti seta' nforma lill-attriċi li l-prezzijiet kienu nħadmu mill-OLAF bħala l-prezzijiet minimi aċċettabbli.

**(iii) jew meta l-egħmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;**

Jirriżulta li l-għanijiet tad-Dwana kienu l-ewwel li jipproteġi l-erarju pubbliku kemm ta' Malta kif ukoll dak tal-Unjoni Ewropeja minn telf ta' dwana u ta' VAT u t-tieni biex jipproteġi lin-negozjanti *in bona fede* fl-Unjoni Ewropeja minn kompetizzjoni inġusta. Għaldaqstant ma jirriżultax li l-għanijiet tal-konvenut ma kinux xierqa inkella li kienu msejjsa fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti;

**(iv) Jew meta l-egħmil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra l-liġi.**

Kif fuq spjegat, il-konvenut mexa strettament skont is-setgħat lilu mogħtija mir-Regolamenti rilevanti tal-Unjoni Ewropeja kif trasposti fil-liġi ta' Malta li jiffakoltizzawh ma joqgħodx fuq il-valutazzjoni mogħtija mill-importatur fejn ikun hemm dubbju raġonevoli li tali valutazzjoni ma tkunx waħda veritjera;

Illi għalkemm l-attriċi allegat li sofriet danni minħabba d-dewmien ikkawżat fil-valutazzjoni definittiva tal-prodotti importati, hija ma ġabet l-ebda prova u l-ebda kwantifikazzjoni ta' dawn id-danni;

**Decide:**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti:

1. Tiċħad dik il-parti tal-ewwel talba li n-nuqqas t'aċċettazzjoni tal-valutazzjonijet dikjarati mill-attriċi hija bi ksur tal-Art. 469A(1)(b) tal-Kap 12

2. Tilqa'  b'mod limitat il-bqija tal-ewwel talba billi tiddikjara li  l-fatt li l-konvenut ma tax deċiżjoni fuq l-oġġezzjonijiet tal-attriċi hija deċiżjoni irraġonevoli u ultra vires li tikser id-dispost tal-Art. 469A(1)(b)(ii)
3. Tiċħad it-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet minħabba nuqqas ta' provi.
4. Tiċħad l-eċċezzjonijiet, apparti l-ewwel eċċezzjoni li diġa` ġiet deċiża, safejn mhux kompatibbli mal-premess.

Tenut kont taċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA